# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 23 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 46.**
**Citazz. Nru. 1474/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Bianchi Mobili Limited**
2. **Anthony u Angela mizzewgin Bianchi.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuta socjeta' Bianchi Mobili Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Bianchi Mobili Limited fis-somma ta' sitt elef hames mija u erbgha u tmenin liri maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM6,584.77) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Bianchi Mobili Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A47") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 4 ta' Marzu 1998 (Dok "B"), il-konvenuti Anthony u Angela mizzewgin Bianchi ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Bianchi Mobili Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Bianchi Mobili Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 29 ta' Ottubru 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C" u Dok "D", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Bianchi Mobili Limited u lil Anthony u Angela mizzewgin Bianchi jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, hames mija u erbgha u tmenin liri maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,584.77) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Bianchi Mobili Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A47") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 29 ta' Ottubru 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil Bianchi Mobili Limited u lil Anthony u Angela mizzewgin Bianchi jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, hames mija u erbgha u tmenin liri maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm6,584.77) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Bianchi Mobili Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A47") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 29 ta' Ottubru 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23, t'Ottubru, 2000.**